# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 445/2014**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Silvano Fenech**

Illum 20 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Silvano Fenech**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 53387(M)**,** akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fit-18 ta' Novembru 2012 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data:

1. kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur ta' Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. ikkommetta l-imsemmija reati fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ skont Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tiegħu, kif ukoll tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xorta' oħra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli *ai termini* ta' Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Ottubru 2014 fejn il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu fil-konfront tal-pussess aggravat ta' cannabis u ta' pussess sempliċi

ta' kokajina u, wara li rat Regolament 8 tal-G.N. 292/1939, Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 8 u 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-fedina penali tal-imputat, ikkundannat lill-imputat għal sentejn u nofs priġunerija u multa ta' ħamest elef Euro (€5000). L-Ewwel Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita u mmarkata bħala KB 9.2013 u l-konfiska taċ-ċellulari kollha eżebiti u mmarkati bħala KA 3.2013. *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-imputat iħallas l-ispejjeż peritali ammontanti għal elfejn, seba' mija u disa' Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€2,709.99). L-Ewwel Qorti ma ordnatx il-konfiska tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBX 026 minħabba li saħqet li l-unika prova li tressqet kienet mill-istqarrija ta' l-imputat ċioè li kienet ta' missier l-imputat.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-10 ta' Novembru 2014 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tvarja s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi nhar it-30 ta' Ottubru 2014 billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tieni akkuża, tvarjaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża u minnhom tilliberah, jew fin-nuqqas, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-akkużi kollha kif dedotti u tvarjaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal perjodu ta' sentejn u nofs priġunerija, oltre l-multa ta' ħamest elef (EUR 5000) Euro, u konsegwentement tipprovdi għal piena aktar mita u idonea fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat id-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Novembru 2018 fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Nota ppreżentata mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fit-18 ta' Settembru 2019 fejn il-Bord informa lil din il-Qorti diversament preseduta li l-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant ntemm b'suċċess.

Rat in-Nota tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fil-15 ta' Ottubru 2019 fejn fiha din il-Qorti diversament preseduta ġiet infurmata li minn riċerka li saret ma rriżultax li l-appellant kellu proċeduri oħra pendenti fi grad ta' appell.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għall-fatti li jirriżultaw fl-atti proċesswali. F'dan il-każ il-Pulizija kienu rċevew informazzjoni li l-appellant kien qed jittraffika d-droga. Għalhekk fit-18 ta' Novembru 2012 l-appellant twaqqaf mill-Pulizija waqt li kien ħiereġ mill-post fejn kien joqgħod u qabel ma daħal fil-vettura. F'dak il-mument l-appellant kellu *joint* f'ħalqu. Meta l-Pulizija fittxew fil-vettura huma sabu aktar *joints*. Waqt l-istess tfittxija l-Pulizija daħlu d-dar fejn kien joqgħod l-appellant u f'dan il-post sabu aktar droga tat-tip kannabis. Fit-tfittxija nstabet ukoll kaxxa tal-*compact disk* li kellha traċċi ta' trab abjad. It-traċċi ta' trab abjad irriżulta li kien kokajina. Mill-fond li kien qed joqgħod fih l-appellant ġie elevat pitazz li fih kien hemm identifikati xi laqmijiet u ħdejhom kien hemm xi ċifri mniżżla. Ġew elevati wkoll żewġ *mobiles* u l-kontenut tagħhom huwa riprodott fir-rapport

immarkat bħala Dok. "MB" (*a fol.* 55 *et seq.*) u li ġie ppreżentat mill-espert Dr. Martin Bajada. Fil-post li kien jgħix fih l-appellant instabet ukoll sikkina li kienet maħsuba li tintuża sabiex jinħadmu dawk li huma magħrufa bħala *sticks*. Minbarra dan instab ukoll *crusher* li kien jintuża biex tinħadem il-kannabis. B'kollox fil-pussess tal-appellant instabu 154.61 gramma kannabis b'valur ta' elfejn, sitt mija u tmienja u għoxrin Euro (€2,628). Jirriżulta li sussegwentement l-appellant beda jipprova jindirizza l-problema tiegħu ta' dipendenza fuq id-droga.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jilmenta li huwa ma kienx qed ibiegħ id-droga u li l-kannabis kollha li nstabet fil-vettura tiegħu u fil-post fejn kien jgħix kienu għall-konsum tiegħu. Jgħid li meta seħħew il-fatti u ċioè fit-18 ta' Novembru 2012 kellu problema serja ta' abbuż mill-kannabis u kien il-ħin kollu jpejjep. F'dan il-kuntest l-appellant jitlob li jiġi liberat mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjoni u fin-nuqqas din il-Qorti tvarja s-sentenza f'dik li tirrigwarda l-piena erogata.

Illi huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx

> raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti fliet l-atti proċesswali bir-reqqa u tikkunsidra li l-appellant kien jgħix waħdu u li għalhekk kellu bżonn il-flus sabiex jgħajjex lilu nnifsu u sabiex imantni l-vizzju tad-droga li kellu. L-appellant jgħid li santwarjament huwa kien jagħmel xogħol ta' bajjad u li minn dan ix-xogħol huwa daħħal is-somma ta' ħames mitt Euro (€500) (*a fol.* 205). Din il-Qorti ma tarax kif minn dan l-ammont wieħed jista' jgħix speċjalment meta wieħed jikkunsidra li fi kliem l-appellant nefaq tliet mitt Euro (€300) biex jixtri l-aħħar kunsinna kannabis. *Di piú* mill-pitazz li ġie elevat mill-kċina tal-appellant li hemm fl-atti proċesswali jidher li fl-ewwel faċċata hemm lista ta' persuni identifikati biss bil-laqmijiet tagħhom u l-ammonti li hemm indikati ħdejhom ma jikkonvinċux lil din il-Qorti temmen li dawn jirrappreżentaw pagamenti pendenti għal xogħlijiet ta' tibjid. Ta' min jinnota li jekk wieħed jgħodd l-ammonti mniżżla fil-pitazz dawn jitilgħu għal ċirka ħames mitt Euro (€500) waqt li l-appellant jgħid li b'kollox qala' ħames mitt Euro (€500) u mhux li għad fadallu jitħallas ħames mitt Euro (€500). Din il-Qorti tikkunsidra wkoll bħala inverosimili l-verżjoni tal-appellant fejn jgħid li xtara l-kannabis li kellu għandu bi tliet mitt Euro (€300) meta din kellha valur fuq is-suq ta' aktar minn elfejn Euro (€2000).

Illi in vista tal-provi prodotti u tenut kont ta' dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant, din il-Qorti hija tal-fehma li sabiex isostni l-vizzju tiegħu l-appellant kien qiegħed jittraffika fid-droga u konsegwentement l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment issib lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni imsemmija.

Illi dwar it-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant, din il-Qorti tirreferi għal dak li xehed (*a fol.* 160 *et seq.*) is-Sur Vincent Ciliberti quddiem l-Ewwel Qorti u li ġie nkarigat jagħmel pjanta fir-rigward tal-mitt metru li ssir riferenza għaliha

fl-imsemmija imputazzjoni, liema pjanta tinsab *a fol.* 164. Minn dawn jirriżulta li f'distanza ta' mitt metru hemm bar bl-isem ta' Paul's Bar. Tenut kont ta' dan, l-Ewwel Qorti kienet korretta wkoll meta sabet lill-appellant ħati tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li fiċ-ċirkostanzi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda eċċessiva. Huwa jagħti r-raġunijiet tiegħu għal dan l-aggravju fosthom li huwa għamel snin sħaħ maħkum mid-droga kannabis u li huwa ħeles mill-vizzju li kellu u li l-kannabis hija xi ħaġa tal-passat u li dan kollu jimmilita favur tiegħu. Jitlob li din il-Qorti tieħu dak li għadu kemm ingħad in konsiderazzjoni meta tiġi biex tagħmel il-ġudizzju tagħha u tikkalibra l-piena.

Illi fir-rigward tal-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li, wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti diversament preseduta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, liema talba ġiet milqugħa wara li nstemgħu xhieda fir-rigward tat-talba msemmija u fejn il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-appellant kien intemm b'suċċess. Dan ser jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tal-aggravju rigward il-piena.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u

qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellant li ġew pruvati;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant li hija waħda kompletament nadifa;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirrisalu għas-sena 2012 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- dak li jirriżulta mid-depozizzjoni mogħtija minn Dr. George Grech fl-1 ta' Frar 2018 u fis-26 ta' April 2018 u dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija mill-istess appellant fl-14 ta' Ġunju 2018, lkoll mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

- il-fatt illi jirriżulta li l-unika kawża li l-appellant għandu pendenti (għal tal-anqas fi stadju ta' appell) hija dik odjerna;

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant li ntemm b'suċċess;

- meta ngħad lil din il-Qorti diversament preseduta mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li r-riabilitazzjoni tal-appellant intemm b'suċċess, il-Qorti ġiet infurmata, fost l-oħrajn, bis-segwenti: *"Is-Sinjur Fenech kien diġà beda jaħdem fuq il-problema tad-droga tiegħu minn qabel ma beda jattendi għas-sessjonijiet ġewwa l-Aġenzija Sedqa. Tul dawn is-sessjonijiet, is-Sinjur Fenech baqa' juri motivazzjoni sabiex*

> *jipprogressa fil-ħajja personali tiegħu. Huwa dejjem baqa' jħares lejn il-futur b'ħeġġa. [...] Jiena hawn taħt iffirmata nikkonferma li Sinjur Fenech dejjem attenda b'mod regolari għall-appuntamenti mogħtija lilu u qatt ma ta indikazzjoni li hemm diffikultajiet relatati mal-użu tad-droga. Minħabba f'hekk, qed issir talba sabiex il-każ tas-Sinjur Fenech jiġi fi tmiemu sabiex l-imsemmi jkun jista' jipprogressa fil-pjanijiet li għandu għall-futur tiegħu."*

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, inkluż ta' dak li ngħad fid-digriet mogħti fit-12 ta' Novembru 2018 minn din il-Qorti diversament preseduta fejn il-Qorti msemmija laqgħet it-talba tal-appellant sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikolu 8(7) u 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll il-proviso ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu msemmi b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija. Għaldaqstant din il-Qorti ser tbiddel il-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għall-waħda t-terminu ta' liema ser ikun sospiż.

Illi dwar il-multa ta' ħamest elef Euro (€5,000) li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant iħallas, din il-Qorti tinnota li din il-multa taqa' fil-parametri ta' dak li l-Qorti msemmija setgħet timponi u din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tnaqqasha.

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ fis-sens hawn fuq imsemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Silvano Fenech u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' ħamest elef Euro (€5000) u fejn ġiet ordnata d-distruzzjoni tad-droga eżebita u l-konfiska taċ-ċellulari kollha eżebiti u fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż peritali ammontanti għal elfejn, seba' mija u disa' Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€2,709.99) u fejn ma ġietx ordnata l-konfiska tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBX 026;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sentejn u nofs priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant għall-perijodu ta' sittax (16)-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment, b'applikazzjoni ta' Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna illi r-reati li l-appellant instab ħati tagħhom f'dawn il-proċeduri m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta

skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**